**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 11 ta' Dicembru, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 1199/2023 AF**

**Fenix Internet LLC, socjetà estera registrata fl-istat ta' Delaware fl-Istati Uniti tal-Amerika, bin-numru ufficjali 73223837 u bl-indirizz registrat f'501, Silverside Road, Suite 87, Wilmington, New Castle, 19809, Delaware, l-Istati Uniti tal-Amerika kif lokalment rrapprezentata mill-mandatarju specjali Avukat Dottor Chiara Frendo**

**vs**

**MTACC Limited (C-79660)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Fenix Internet LLC, socjetà estera registrata fl-istat ta' Delaware fl-Istati Uniti tal-Amerika, bin-numru ufficcjali 73223837 u bl-indirizz registrat f'501, Silverside Road, Suite 87, Wilmington, New Castle. 19809, Delaware, l-Istati Uniti tal-Amerika kif lokalment irrapprezentata mill-mandatarju specjali Avukat Dottor Chiara Frendo, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Is-soċjetà intimata hija liċenzjata bħala istituzzjoni finanzjarja taħt l-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji, Kap. 376 tal-Liġijiet ta' Malta (l-"**Att**") maħruġa mill-Awtorità għas-Servizji Finanzjarji ta' Malta ("MFSA") biex tipprovdi servizzi ta' *online payment portal* bl-isem *ePayService*. Illi f'Settembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), Fenix Internet LLC daħlet *f'User Agreement* mas-soċjetà intimata (kopja ta' liema tinsab annessa mall-affidavit ta' Lee Taylor direttur kif ukoll il- *Chief Financial Officer* tas-soċjetà esponenti, li qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala "**DOKUMENT FIL1**" bil-għan illi jiġu pprestati lilha servizzi ta' pagamenti elettroniċi tramite l-*payment portal* imsemmi.

B'hekk, bis-saħħa tal-liċenzja finanzjarja, is-soċjetà intimata kienet iżomm il-fondi elettroniċi f'kont separat miżmum mis-soċjetà rikorrenti u ssegregati mill-assi tas-soċjetà intimata sabiex jibqgħu salvagwardjati ai termini tal-Artikolu 10B tal-Att.

B'hekk, preżentement, is-soċjetà esponenti għandha total ta' żewġ (2) *wallets* elettroniċi miżmuma mas-soċjetà intimata kif inhu spjegat fid-dettal fl-affidavit tas-sur Lee Taylor, flimkien mad-dokumenti annessi mal-istess affidavit. L-ammont ta' flus li jappartjenu għall-*U.S Dollar Wallet* huma ta' tlett mija u ħdax il elf, tmien mija u sebgħin Dollari Amerikani u ħamsa u erbgħin ċenteżmu ($311,870.45), ekwivalenti skont ir-rata tal-kambju tal-Bank Ċentrali tas-17 t' Ottubru 2023 għall-mitejn u ħamsa u disgħin elf, tlett mija u tlieta u tmenin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€295,383.45), filwaqt li dawk li jappartjenu għall-*EU*

*Wallet*, huma ta' tnax-il elf, mitejn u sitta u disgħin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€12,296.45).

Mill-31 ta' Lulju 2023, is-soċjetà esponenti tilfet kull kontrol u aċċess li kellha għall-flus tagħha tramite l-*payment portal*. Minkejja diversi interpellazzjonijiet u tentattivi mir-rikorrenti, sabiex is-soċjetà intimata tirrilaxxa u tittrassferixxi lura l-flus tas-soċjetà rikorrenti, l-intimata baqgħet inadempjenti u għal kollox waqfet kull komunikazzjoni mar-rikorrenti hekk kif jixhed is-sur Lee Taylor permezz tal-affidavit hawn anness. Illi b'hekk, is-soċjetà intimata kisret l-obbligi tagħha bħala istituzzjoni finanzjarja liċenzjata *inter alia* Paragrafu 73(2) tad-Direttiva tal-Bank Ċentrali Nru.1 maħruġa mill-Bank Ċentrali ta' Malta taħt l-Att dwar il-Bank Ċentrali Kap.204 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn għandha obbligu twieġeb għall-ilmenti tal-klijenti tagħha fi żmien xieraq u mhux aktar tard minn ħmistax (15)-il jum tax-xogħol minn meta tirċievi l-ilment.

Skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva dwar il-Flus Elettroniċi (Direttiva 2009/110/KE), l-Artikolu 10B tal-Att, ir-Regolament 3 tal-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji (Salvagwardja tal-Fondi) ('FIA'), ir-Regolamenti (Leġislazzjoni Sussidjarja 376.04 tal-liġijiet ta' Malta) u l-Paragrafu 32 tar-Regola tal-Istituzzjoni Finanzjarja FIR/03 ('FIR/03'), is-soċjetà intimata tinsab taħt obbligu legali li tissalvagwardja il-fondi li jkunu ġew riċevuti bi skambju għal flus elettroniċi. Illi barra minn hekk, is-soċjetà intimata hija strettament ipprojbita bil-liġi li tgħaqqad u żżomm il-fondi tagħha mal-flus tal-klijenti li għandhom jibqgħu salvagwardjati u jikkostitwixxu patrimonju distint li huwa kompletament separat minn dak li jappartjenu lis-soċjetà intimata.

Di più, skond l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2009/110/KE, l-Artikolu 8F tal-FIA u l-Paragrafu 35 tal-FIR03, is-soċjetà intimata għandha obbligu legali li dejjem tkun f'pożizzjoni li, fi kwalunkwe mument u fuq talba tad-detentur tal-flus elettroniċi, tifdi l-valur monetarju tal-flus elettroniċi miżmuma, bil-valur nominali u mingħajr dewmien.

Inoltre, minkejja li s-soċjetà intimata ġiet interpellata diversi drabi sabiex tirrilaxxa l-fondi tas-soċjetà rikorrenti skont il-liġi

kif hawn fuq spjegat, u dan permezz ta' mezzi differenti ta' komunikazzjoni, *inter alia* ittra li ntbagħtet lis-soċjetà intimata u lill-MFSA datata 22 t'Awwissu 2023 (kopja ta' liema qed tiġi anessa u mmarkata bħala "**DOKUMENT FIL2**"), *chats* permezz tal-mezzi elettroniku Skype Chat, korrispondenza tramite l-*portal support chat*, kif ukoll *emails* datati 7 ta'Awwissu 2023 u 14 ta' Settembru 2023 rispettivament (ara kopji annessi mall-affidavit ta' Lee Taylor, u cioè anessi ma' **DOKUMENT FIL1)** għal-liema ma kien hemm ebda risposta sostantiva mis-soċjetà intimate.

Wara il-korrispondenza u diversi interpellazzjonijiet mir-rikorrent lis-soċjetà intimata hawn fuq ċitati, l-MFSA issosspendiet il-liċenzja tas-soċjetà intimata minħabba ksur lampanti ta' numru ta' kundizzjonijiet liċenzjarji, fosthom Artikolu 10B (1) tal-Att fir-rigward ir-rekwiżit ta' salvagwardja tal-assi tal-klijenti tal-intimata, fosthom is-soċjetà rikorrenti. B'hekk, permezz ta' direttiva maħruġa fid-29 ta' Settembru 2023, l-MFSA ipprovdiet (hawn anness u mmarkat bħala "**DOKUMENT FIL3**":

*"The MFSA determined that the Institution has acted in breach of:*

1. *Article 5 (1) (b) and (c) of the Act due to its weak governance arrangements;*
2. *[…]*
3. *Article 10 B (1) of the Act on the lack of safeguarding of its clients' funds;*

*[…]*

In vista tas-suespost, l-MFSA fost affarijiet oħra, ordnat lis-soċjetà intimata:

*"By virtue of the powers given to the MFSA under Article 6(1) (d) (i) and (j) of the Act, the Authority has decided, on 25 September 2023 to suspend the financial institution licence of MTACC. The suspension shall remain in place until such time as MTACC:*

1. *remediates the Institution's weak governance and internal controls; and*
2. ***all dues to clients have been settled in full."*** **[*emfasi miżjud*]**

Sal-lum il-ġurnata l-ammont ta':

(1) tlett mija u ħdax-il elf, tmien mija u sebgħin Dollari Amerikani u ħamsa u erbgħin ċenteżmu ($311,870.45), ekwivalenti skont ir-rata tal-kambju tal-Bank Ċentrali tas-17 t'Ottubru 2023 għall-mitejn u ħamsa u disgħin elf, tlett mija u tlieta u tmenin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€295,383.45) u

(2) tnax -il elf, mitejn u sitta u disgħin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€12,296.45) li għadhom dovuta mis-soċjetà intimata.

B'hekk, is-soċjetà Fenix Internet LLC hija debitriċi tas-soċjetà intimata fis-somma kumplessiva ta' tlett mija u hdax-il elf, tmien mija u sebgħin Dollari Amerikani u ħamsa u erbgħin ċenteżmu ($311,870.45), ekwivalenti skont ir-rata tal-kambju tal-Bank Ċentrali tas-17 t' Ottubru 2023 għall-mitejn u ħamsa u disgħin elf, tlett mija u tlieta u tmenin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€295,383.45) u ta' tnax-il elf, mitejn u sitta u disgħin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€12,296.45) liema ammonti huma ċerti, likwidi u dovuti.

Sa fejn jaf ir-rikorrenti *nomine*, is-soċjetà intimata m'għandiex eċċezzjonijiet x'tagħti kontra t-talbiet tal-istess rikorrenti u għalhekkk jeżistu ir-raġunijiet kollha skont il-liġi biex din l-Onorabbli Qorti tkun tista tipproċedi ghad-deċiżjoni bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tipproċedi għad-deċiżjoni tagħha bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li s-soċjetà intimata naqset mill-obbligu legali tagħha bħala istituzzjoni elettronika meta ffriżat il-kontijiet ta' Fenix Internet LLC u sussegwentement naqset milli tirrilaxxa l-fondi fuq talba tar-rikorrenti nomine;

3. Tiddikjara illi konsegwentement is-soċjetà intimata għandha tirrilaxxa l-fondi kollha appartenenti lis-soċjetà esponenti fl-ammonti ta':

   (a) tlett mija u ħdax-il elf, tmien mija u sebgħin dollari Amerikani u ħamsa u erbgħin ċenteżmu ($311,870.45), ekwivalenti skont ir-rata tal-kambju tal-Bank Ċentrali tas-17 t' Ottubru 2023 għall-mitejn u ħamsa u disgħin elf, tlett mija u tlieta u tmenin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€295,383.45) u

   (b) tnax-il elf, mitejn u sitta u disgħin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€12,296.45) li għadhom dovuta mis-soċjetà intimata.

4. Tordna u tikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex tirrifondi lis-soċjeta rikorrenti Fenix Internet LLC l-ammont ta':

   (a) tlett mija u ħdax-il elf, tmien mija u sebgħin Dollari Amerikani u ħamsa u erbgħin ċenteżmu ($311,870.45), ekwivalenti skont ir-rata tal-kambju tal-Bank Ċentrali tas-17 t' Ottubru 2023 għall-mitejn u ħamsa u disgħin elf, tlett mija u tlieta u tmenin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€295,383.45) jew somma oħra verjuri skont ir-rata tal-kambju; u

   (b) tnax-il elf, mitejn u sitta u disgħin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€12,296.45).

Bl-ispejjeż ġudizzjarji kontra s-soċjetà intimata, inklużi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju nru. 1876/2023, u bl-imgħax dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv kontra s-soċjetà intimata, li rappreżżentanti tagħha huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, minkejja li MTACC Limited giet notifikata f'idejn Damian Mifsud, ma deher hadd in rapprezentanza tas-socjetà intimata u ma sar ebda tentattiv biex tigi kontestata l-kawza.

Rat li t-talbiet tas-socjetà rikorrenti gew pruvati ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti.

Il-Qorti tirreferi partikolarment ghall-affidavit ta' Lee Taylor prezentat in atti mar-rikors promotur, flimkien mad-dokumenti kollha annessi.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba;

2. Tilqa' t-tieni talba kif dedotta;

3. Tilqa' t-tielet talba kif dedotta;

4. Tilqa' r-raba talba u tordna lis-socjetà MTACC Limited (C-79660) tirrifondi lil Fenix Internet LLC l-ammont ta' tlett mija u hdax-il elf, tmien mija u sebghin Dollari Amerikani u hamsa u erbghin centezmu ($311,870.45), ekwivalenti ghal mitejn u hamsa u disghin elf, tlett mija u tlieta u tmenin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€295,383.45) u l-ammont ta' tnax-il elf, mitejn u sitta u disghin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€12,296.45), bl-ispejjez u imghax kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn MTACC Limited.

IMHALLEF

DEP/REG